MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-11 ta' April, 2005

Avviz Numru. 495/2003

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C. Reg. No.C 3177)**

**vs**

1. **Lawrence Mifsud (ID 616163M)**
2. **Maria Carmela Mifsud (ID 399067M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-2 ta' Ottubru, 2003 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti, jew minn minnhom, ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, sitt mija u disgha u tletin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm2,639.68) rapprezentanti bilanc fuq self permezz ta' Flexicredit Loan Account bin-numru 040-087264-300 skond ftehim datat 18 ta' Jannar, 2000 (anness u mmarkat Dok. A), dovut in kwantu ghal elfejn, tliet mija u disgha u erbghin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm2,349.42) fuq il-kapital, u in kwantu ghal mitejn u disghin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm290.26)

imghax kalkolat sas-17 ta' April, 2003 kif jidher mill-prospett anness u mmarkat Dok. B.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' l-Avviz ghas-smiegh u bl-imghax legali bir-rata ta' 8% mis-17 ta' April, 2003 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti jew min minnhom, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Lawrence Mifsud fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament it-talbiet l-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;
2. Bla pregudizzju ghas-suespost ebda nteress fuq l-interessi m'ghandu jkun dovut lill-atturi;
3. Salvi eccezzjonijiet ohra skond il-ligi.

Rat il-verbal tat-2 ta' Frar, 2005 (fol. 17) fejn il-konvenuta Maria Carmela Mifsud ghamlet taghha l-istess eccezzjonijiet tal-konvenut Lawrence Mifsud.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi bi ftehim datat 18 ta' Jannar, 2000, il-konvenuti hargu *loan* mall-Bank attur ghas-somma ta' tlett elef u mitejn lira Maltin (Lm3,200), bil-kondizzjonijiet stipulati bil-ftehim a fol. 2 tal-process.

Skond PL Jonathan De Maria li ghandu rapprezentanza tal-bank (fol. 18) il-konvenuti bdew jaghmlu xi pagamenti, pero' wara xi ftit waqfu, bl-ahhar pagament isir fit-28 ta' Awissu, 2001. Ghalhekk, l-ammont reklamat fl-Avviz kien ghadu dovur fl-intier tieghu.

Il-konvenut Lawrence Mifsud xehed illi wara li ffirma l-ftehim issepara minn martu u hareg mid-dar. Ghandu paga netta ta' mitejn u sitta u hamsin lira Maltin (Lm265)

fix-xahar li minnhom irid ihallas mitt lira Maltin (Lm100) manteniment u erbgha u tletin lira Maltin (Lm34) fix-xahar bhala ‘tax arrears’.  Qal illi mhux f’posizzjoni finanzjarja li jhallas id-dejn mall-bank.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatt li persuna mhuwiex f’posizzjoni finanzjarja illi jissodisfa l-obbligazzjonijiet kuntrattwali tieghu mhijiex skuza sabiex il-qorti ma tilqax talba ghall-kanonizazzjoni ta’ kreditu.  Il-konvenuti konsapevolment u liberatament iffirmaw il-ftehim mall-bank fejn ottjenew self ta’ tlett elef u mitejn lira Maltin.  Dan is-self gie versat lilhom u fl-interess taghhom u kellhom l-obbligu illi jrodduh lura skond it-termini tal-ftehm milhuq mall-bank attur.  Kienu l-konvenuti illi rredigew mill-ftehim meta waqfu illi jaghmlu l-pagamenti u ghalhekk huma responsabbli ghall-ammont reklamat mill-bank attur solidalment.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tal-bank attur u tikkundanna lill-konvenuti solidament li jhallsu lura l-ammont ta’ elfejn, sitt mija u disgha u tletin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm2,639.68) rapprezentanti bilanc fuq self permezz ta’ Flexicredit Loan Account bin-numru 040-087264-300 skond ftehim datat 18 ta’ Jannar, 2000 in kwantu ghal elfejn, tliet mija u disgha u erbghin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu (Lm2,349.42) fuq il-kapital, u in kwantu ghal mitejn u disghin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm290.26) imghax kalkolat sas-17 ta’ April, 2003.

Bl-ispejjez u l-imghax ulterjuri mid-data tan-notidfika ta’ l-avviz ghas-smiegh kontra l-konvenuti solidament.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------